**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 135 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francis Schembri**

**Omissis**

Illum 20 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Schembri detentur tal-karta tal-identità numru 16861G, li flimkien ma' Omissis gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' April 2018 u fil-granet ta' qabel gewwa l-istabbiliment bl-isem Neptune Restaurant and Lounge li jinsab gewwa Triq il-Port, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, li:

1. Minghajr ma kellhom licenzja, mexxew xi attività turistika jew ippermettew li xi attività turistika titmexxa minn jew fil-proprjetà li taghha huma sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxew dik l-attività li kieku kellhom licenzja valida;
2. Meta kellhom licenzja, naqsu li jharsu xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni, jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;
3. U aktar bhala persuna jew persuni li f'isimhom ghandhom il-licenzja tal-hanut bl-isem Neptunes Restaurant and Lounge li jinsab fi Triq il-Port, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, ippermettew lil Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh jaghmluha ta' sostitut taghhom minghajr licenzja mill-Artiklu 21 L.S.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat Francis Schembri mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu stante illi dawn ma jirrizultawx, wara li rat l-Artikolu 43 (1) (a) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċentezmu (€1164.69).

In oltre, il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat Omissis mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu stante illi dawn ma jirrizultawx, wara li rat l-Artikolu 43 (1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċentezmu (€1164.69).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Schembri, ipprezentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-24 ta' Lulju 2020 in kwantu l-appellant instab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u alternattivament u fl-eventwalità illi l-Qorti ssib ħtija, tirriformaha kwantu għall-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Francis Schembri huma s-segwenti u cioè:-

**L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta inġustament sabet li l-esponenti ħati tal-ewwel imputazzjoni:**

Illi hekk kif irriżulta mill-atti esebiti mill-esponenti u ħuh George Schembri ġew spussessati mill-istabbiliment de quo u ġew imwaqqfa milli jaċċedu ġewwa fih.

Illi bħala stat ta' fatt fid-dati tal-akkuża u ċioè **f'April 2018 u fil-ġranet ta' qabel** l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment u dan l-istabbiliment kien qed jiġi ġestit biss mill-koppja Singh kontra r-rieda tiegħu u ad esklużjoni tiegħu. Ġja la darba l-istabbiliment kien qed jiġi ġestit kontra l-kunsens u rieda tiegħu u huwa ma

kien bl-ebda mod parteċipi għall-ġestjoni tal-attività turistika, l-esponenti ma għandux jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni u dan peress li **f'dawn id-dati** huwa ma kellu **ebda kontroll** fuq l-attività turistika.

Lanqas ma huwa korrett il-Perit Legali meta kkonkluda li l-ewwel darba li l-esponenti u ħuh ħadu passi sabiex iwaqqfu l-illegalitajiet maħluqa mill-koppja Singh kien f'April 2018. F'April 2018 sar Mandat ta' Inibizzjoni liema mandat kien anċillari għall-kawża li kienet diġà ġiet intavolata s-sena ta' qabel, senjatament f'Diċembru tal-2017. Tant hu hekk li inter alia dan il-Mandat ġie miċħud minħabba li ġja kien hemm din il-kawża għaddejja li kienet tirrigwarda l-istess materja tal-Mandat.

Illi fil-kawża istitwita f'Diċembru 2017 il-Qorti intalbet tiżgombra lill-koppja Singh minn ġewwa l-istabbiliment li kienu qed jiġġestixxu illegalment ad esklużjoni tal-esponenti.

Apparti dawn il-proċeduri ċivili l-esponenti saħansitra irrikorra għand il-Pulizija għall-intervent tagħhom billi flimkien ma' ħuh ressqu kwerela fejn fiha iddenunzjaw lill-koppja Singh.

Dan l-istat ta' fatt ikompli jitfa' dawl li kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-Perit Legali, l-esponenti kien qed jipprova jagħmel minn kollox sabiex iwaqqaf l-abbuż maħluq mill-konjuġi Singh.

Illi mhuwiex ekwu u ġust li l-esponenti jiġi ppenallizzat minħabba li terzi persuni ħadu l-liġi f'idejhom u kkapparraw post li tiegħu huwa kien liċenzjat. Ta' dan l-abbuż għandhom iwieġbu biss il-konjuġi Singh.

Illi lanqas ma huwa ġust illi wara li kien l-esponenti stess li rrikorra għand il-Pulizija Eżekuttiva għall-għajnuna u intervent tagħhom huwa qed jiġi kkastigat għal reat li wettaq ħaddieħor.

Semghet lil-partijiet jittrattaw i-kaz u dan fl-ahhar seduta qabel ma din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi rrizulta li l-appellant Francis Schembri kien intavola diversi proceduri fil-Qrati kontra Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh u dan fosthom sabiex jigu zgumbrati mir-restaurant in kwistjoni;

2. Illi l-Pulizija intavolaw proceduri odjerni kontra l-appellant Francis Schembri u kontra huh George Schembri wara l-appellant Francis Schembri stess irraporta li min kien hemm fir-restaurant bl-isem 'Neptunes Restaurant and Lounge' ma kellux licenza ta' sostitut[1].

3. Fil-fatt il-Pulizija irrikkorrew fuq il-post u sabu lil certu Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh[2] li ma ghandhomx licenza ta' sostitut.

4. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet in kwistjoni;

5. L-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant Francis Schembri.

L-aggravju jirrigwarda li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi meta ingustament sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Issottometta li f'April 2018 u fil-granet ta' qabel ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment u dan l-istabbiliment kien qed jigi gestit biss mill-koppja Singh kontra r-rieda tieghu u ad eskluzjoni tieghu. Li huwa ma kien bl-ebda mod partecipi ghal gestjoni tal-attivita turistika.

Jissottometti li lanqas ma huwa korrett il-Perit legali meta ikkonkluda li l-ewwel darba li l-appellant u huh hadu passi biex iwaqqfu l-illegalitajiet mahluqa mill-koppja Singh kien f'April, 2018. Li f'April 2018 sar mandat ta' inibizzjoni[3], liema mandat kien ancillari ghal kawza li kienet diga giet intavolata s-sena ta' qabel, senjatament f'Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Il-mandat gie michud minhabba li gja kien hemm din il-kawza ghaddejja li kienet tirrgwarda l-istess materja tal-mandat. Li fil-kawza istitwita f'Dicembru 2017 il-Qorti intalbet tizgombra lil koppja Singh minn gewwa l-istabbiliment li kienu qed jiggestixxu illegalment ad eskluzjoni tal-appellant. Jghid li anke irrikorra ghand il-Pulizija billi flimkien ma huh ressqu kwerela fejn fiha iddenunzjaw lil koppja Singh. Li mhuwiex ekwu u gust li l-appellant jigi ppenalizzat minhabba li terzi persuni hadu l-ligi f'idejhom u kkapparraw post li tieghu huwa kien licenzjat. Li ta' dan l-abbuz ghandhom iwiegbu biss il-konjugi Singh. Jissottometti li lanqas ma huwa gust li wara li kien l-appellant stess li rrikorra ghand il-

---

[1] Skont dak li jirrizulta mill-affidavit PS 1061 J. Zammit a fol 3 kien Francis Schembri li prezenta l-kwerela. Din il-kwerela baqghet ma gietx prezentata fl-atti.
[2] Skont l-istess affidavit ta' PS 1061 J. Zammit a fol 3
[3] Jirrizulta li l-mandat ta' inibizzjoni gie prezentat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u mhux f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018) kif indikat mill-appellant fl-appell tieghu.

Pulizija Ezekuttiva ghall-ghajnuna u intervent taghhom, huwa qed jigi kkastigat ghal reat li wettaq haddiehor.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Francis Schembri instab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni li taqra '*minghajr ma jkollok licenzja, mexxejtu xi attivita turistika jew ippermetejtu li xi attivita turistika titmexxa min jew fil-propjeta li taghha intkom sid jew kopropjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxejtu dik l-attivita li kieku kelkhom licenzja valida.*'

Huwa instab hati taht l-artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta. Din taqra:

'*(1)Kull min -*

*(a) mingħajr ma jkollu liċenza, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika titmexxa minn jew fi proprjetà li tagħha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attività li kieku kellu liċenza valida*'

Ghalhekk kull min jaghmel dan ikun hati ta' reat.

Din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi prodotti.

**PS 1061 J. Zammit** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit. Huwa spjega li fis- 26 ta' April ,2018 waqt li kien xoghol l-Ghassa tar-Rabat ghal habta ta' 16:30hrs gie infurmat mill-Ispettur Bernard Spiteri biex jaghmel spezzjoni gewwa l-istabbiliment bl-isem Neptunes Restaurant and lounge li jinsab triq il-Port Marsalforn. Dan minhabba li Francis Schembri pprezenta kwerela li min hemm gewwa dan il-hanut ma ghandux licenza ta' sostitut. Mar fuq il-post fejn kien hemm certu Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh fejn dawn gew infurmati bir-rapport li sar. Li dawn stqarrew li huma ma ghandhomx licenzja ta' sostitut. Huma gew infurmati li se jittellew il-Qorti. F'din l-affidavit iddikjara ukoll li l-licenzja tal-hanut qieghda f'isem George Schembri fejn dan ma kienx hemm prezenti.

L-Ewwel Qorti fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2018 innominat lil Dr. Jean Paul Grech bhala Perit Legali sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament, jigbor id-dokumenti kollha u jaghmel access jekk ikun hemm bzonn u jirrelata lil Qorti. Ir-rapport ta' Jean Paul Grech gie esebit bhala Dok JPG1 fis-seduta tal-(24 ta' Lulju, 2020.

Quddiem il-Perit Legali Dr Jean Paul Grech xehdet **Christine Vella** Senior Head tal-MTA Gozo fit- 18 ta' Dicembru 2018 fejn spjegat li l-MTA hija responsabbli biex tohrog il-permessi tal-bars u r-ristorants. Dwar il-kundizzjonijiet tan-Neptunes Restaurant, esebiet Dokument CV1 u CV2 kopja tal-licenzji, precizament l-bar licence u r-ristorant licence. Tghid li fihom

hemm wkoll indikat il-kundizzjonijiet tas-sub-licence. Fost l-ohrajn hemm imnizzel il-permessi dwar mwejjed u siggijiet, li jista' jibqa' miftuh bhala operations sal-erbgha ta' filghodu. Il-licenzja qieghda f'isem George Schembri. Xehdet li l-licenzja tal-elfejn u tmintax (2018) ghadha mhix imhallsa u esebiet l-invoice li ghadha dovuta immarkata bhala Dokument CV3. Xehdet li fis-sitta (6) ta' Dicembru regghu baghtu nota tal-licensee li hija overdue li giet immarkata bhala Dokument CV4. Mistoqsija jekk sa issa l-permess ghadux hemm anke minhabba l-fatt li l-licenzja ghadha ma thallsitx qalet li iva l-licenzja ghada hemm pero l-Awtorita' qieghda f'tahdidiet mal-Avukati taghha rigwarx x'azzjonijiet jistghu jittiehdu f'dan ir-rigward.

Qalet li fuq il-hanut Neptunes ma hemm l-ebda substitute li huwa registrat ghaliex kieku dan johrog mill-licenzja. Esebiet ukoll ittra li ntbaghtet mill-Avukati taghhom lil Dr Damian Bigeni ghan-nom ta' George u Francis Schembri bhala CV5. F'din l-ittra qeghdin iwiegbu lil Dr Bigeni ghaliex hu kien infurmahom li hemm dizgwid ma' terzi li qeghdin fir-ristorant. Spjegawlu li George Schembri bhala licensee jibqa' responsabbli tal-post u ma jistax jezonera lilu nniffsu mill-obbligazzjonijiet tal-ligi. Infurmawh biex immedjatament il-klijent tieghu jirregola ruhu billi jiehu hsieb jirregistra lil min ghandu fil-hanut bhala substitute.

In kontro-ezami qalet li l-operatur irid jiffirma l-applikazzjoni tas-substitute u din ma saritx. L-applikazzjoni ma gietx sottomessa. Li mhux suppost li persuna tkun fir-ristorant u ma tkunx registrata. Ghalhekk infurmaw lil licensee li kien qed jikser il-ligi. Anke l-operatur gie infurmat li kien qieghed jikser il-ligi, it-tnejn li huma. Esebiet kopja tal-ispezzjoni li saret fil-fond Neptunes bhala Dokument CV 6.

**Francis Schembri** xehed quddiem il-Perit Legali fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2019. F'din is-seduta spjega li '*Jiena hadt proceduri legali kontra Lorraine u Amandeep Singh. Dawn huma proceduri civili. Sar mandat ta' inibizzjoni fejn tlabt li ma jibqghux joperaw il-hanut ghax m'ghandhomx il-licenzja ta' substitute. Il-Qorti iddecidiet li peress li hemm il-kawza l-ohra pendenti jistghu joqoghdu.*'[4] Esebixxa kopja tal-mandat ta' inibizzjoni bhala Dokument FS 1 u kopja tar-

[44] Skont id-digriet dwar it-talba ghal mandat ta' inibizzjoni a fol 68 et sequitur, senjatament a fol 69 u 70 tal-atti processwali il-Qorti kienet qieset li '*Għalhekk kienet responsabilita tar-rikorrent ukoll li jara li din il-liċenzja tiġi mġedda, u bħala l-persuna li ddikjarat li kellha l-kontroll esklussiv fuq dan ir-restaurant, jidher li kien x'aktarx iżjed faċli għalih li jikkonvinċi lil ħuħ biex iħallas il-misata dovuta milli l-intimati. Dan japplika wkoll għas-substitute form.*

*Hekk ukoll fir-rigward tal-Operators Form. Din, skont ma indika l-istess formula* (Referenza fin-nota ta' qiegh il-pagna fid-digriet taqra '*Ara Dok. CV 2 esebita minn Christine Vella fil-kawża nru. 92/2017.*), *tirrikjedi l-koperazzoni tal-licensee, għax trid tiġi ffirmata minnu wkoll, u l-intimati waħdehom ma jistgħux jottemporaw ruħhom mal-liġi. Anke hawnhekk wieħed kien jippretendi li r-rikorrent kellu jara kif jikkonvinċi lil ħuħ iwettaq l-obbligi tiegħu.*

rikors gurmantat li ghamel sabiex Spiteri u Singh jitilqu 'l barra peress li kisru l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li ghamlu. Dan gie esebiet bhala Dokument FS 2.

Spjega li qabel ma ghamlu l-kawza, ghamlu l-ittra ufficjali u ittri bl-Avukat. Dawn gew prezentati bhala FS 3 u FS 4. Prezenta ukoll kopja tar-risposta guramentata ta' Spiteri u Singh li dahlet fil-kawza. Din giet immarkata bhala Dokument FS 5. Spjega li '*Jiena u Spiteri dhlana f'joint venture ma' xulxin biex noperaw il-hanut flimkien. Hija George kien jigi jghinna wkoll. F'daqqa wahda f'Ottubru 2017, Spiteri u Singh qabdu u biddlu c-cavetta tan-Neptunes. Jiena mort ghamilt rapport lill-Pulizija li sal-lum ma giex ipprocessat. Minn dakinhar 'l hawn jiena u George ma morniex 'l hemm aktar.*' Bdew proceduri biex ikeccuhom il' barra. B'referenza ghal ftehim ta' bejniethom spjega li t-tmexxija kienet f'idejn Spiteri pero' bil-kundizzjonijiet tax-xhud. In kontro-ezami qal li wara li nbidlet is-serratura, il-hanut xorta baqa' jopera. Bhala passi biex il-hanut ma jibqax jopera, huwa bghat ittri ufficjali, ghamel mandat u anke kawza.

Il-Prosekuzzjoni f'dik is-seduta kienet ezentat lid-difiza milli tingungi lil rapprezentanti tal-Qorti ta' Ghawdex biex jikkonferma l-veracita tad-dokumenti prezentati waqt ix-xhieda ta' Francis Schembri.

**Francis Schembri** kompla jixhed fis-seduta tas- 17 ta' Mejju 2019 quddiem il-Perit Legali fejn prezenta kopja tal-joint venture agreement immarkat bhala Dokument JS 6, liema ftehim sar fit- 23 ta' Jannar 2017. Jghid li l-ftehim huwa bejnu u bejn Lorraine Spiteri u Amandeep Singh. Il-ftehim huwa ta' joint venture u jikkoncerna biss il-ground floor level. Spjega li '*Huma ma kinux jiehdu flus u kellna naqsmu l-profitti nofs bin-nofs wara li jinqatghu l-ispejjez.*' Xehed li l-ftehim ma giex rispettat.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 quddiem il-Perit Legali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Lorraine Spiteri Singh Amandeep Singh'**, **John Bonnici** bhala rapprezentant tal-MTA li xehed li prezenta l-pjanti tan-Neputes Bar and Restaurant bhala Dokumenti JBX 1 sa JBX 3[5] u cioe' l-unici pjanti ta' gewwa tan-Neptunes Bar li ghandhom fil-file. Il-partijiet kienu qablu li x-xhieda ta' John Bonnici mehuda fil-kawza bin-numru 233/2018 ghandha wkoll tghodd ghal din il-kawza peress li l-kawza fil-konfront tghhom instemghet kontestwalment .

Ghalkemm fir-rapport ta' Dr Jean Paul Grech hemm ukoll ix-xhieda ta' Lorraine Spiteri moghtija fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Lorraine Spiteri Singh Amandeep Singh'**, fil-verbali tas-seduti ma giex dikjarat li anke din ix-xhieda tapplika ghal kaz odjern. Ghalkemm il-Perit Legali fir-rapport tieghu senjatament a fol 22 tal-atti processwali u f'pagna 2 tar-

---

*Ma jistax għalhekk ir-rikorrrent jilmenta minn preġudizzju li jidher li l-intimati ma jaħtu xejn għalih, u li huwa stess ma rriżulta li għamel xejn biex jevita, meta kien jispetta lilu wkoll, bħala parti ntegrali minn dan il-Joint Venture, li jagħmel l-almu tiegħu biex kollox ikun in regola.*'

[5] Jirrizulta izda li fl-atti zewg pjanti biss gew prezentati minn dan ix-xhud.

rapport tieghu spjega li fis-seduta tad- 9 ta' Mejju 2019 '*Il-partijiet qablu wkoll illi x-xhieda ta' John Bonnici in rappreżentanza tal-Awtorita' Maltija dwar it-Turiżmu u ta' Lorraine Spiteri Singh, li tinsab fil-proċess Il-Pulizija vs Lorraine Spiteri Singh et (Każ Nru 233/2018) għandha tiġi wkoll inserita f'dan il-process;*' jirrizulta li n-nota li tinstab fil-verbal tal-imsemmija seduta fil-kawza odjerna fir-rapport tal-Perit Legali tipprovdi li l-partijiet qablu li x-xhieda ta' John Bonnici mehuda illum stess fil-kawza numru 233/2018 ghandha wkoll tghodd ghal din il-kawza. Izda ma hemmx indikat f'dan il-verbal li anke x-xhieda moghtija minn Lorraine Spiteri Singh fil-proceduri kontra taghha ghandha tapplika ghal proceduri odjerni. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex qieghda tqis u lanqas ma hija sejra taghmel referenza ghax-xhieda ta' Lorraine Spiteri.

L-**Ispettur Josef Grech** xehed fis-seduta tas- 17 ta' Mejju 2019 quddiem il-Perit Legali u esebixxa kopja tal-okkorrenza bir-referenza 10/Z/4556/2017, liema okkorrenza hija imdahhla mill-eks Surgent 1233 John Attard u ikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport bil-gurament tieghu. Iddikjara li ma ghandu xejn aktar x'izid ma' dak li nizzel is-Surgent. Dan gie immarkat bhala Dokument JG 1.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi d-dati mertu tal-imputazzjoni huma **s-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-granet ta' qabel**. Il-Qorti meta sabet htija strahet fuq dak li rrelata l-Perit Legali fir-rapport tieghu. Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghal kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Perit Legali dwar din l-imputazzjoni. Kif tajjeb ikkunsidra l-Perit Legali, l-ewwel (1) imputazzjoni ghandha tlett elementi:

1. Attivita' Turistika;

2. In-nuqqas ta' licenza valida;

3. Li imexxi xi attivita' turistika, jew jippermetti li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li tagħha huwa s-sid jew koproprjetarju, jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kellu licenza valida.

Ai fini tal-ewwel rekwizit u cioe' attivita' turistika, din fil-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta hija definita bhala:

'*tfisser lukanda, guest house, hostel, post għall-vaganzi, dar li tintuża biex tipprovdi alloġġ lit-turisti,* ***stabbiliment li jipprovdi ikel****, aġenzija tal-ivvjaġġar, destination management company, aġenzija ta' turiżmu li ġej minn barra, operatur ta' ġiti organizzati, gwida tat-turisti, u servizzi oħra ta' turiżmu, sew jekk mogħti liċenza sew jekk le:*

*Iżda, għall-finijiet tal-artikolu 48(2), il-frażi "attività turistika" ma tinkludix dar li tintuża biex jiġi provdut alloġġ lit-turisti meta dik id-dar tkun tikkostitwixxi r-residenza permanentital-persuna li tipprovdi dak l-alloġġ'*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-istabbiliment in kwistjoni huwa wiehed li jipprovdi l-ikel. Skont il-licenza esebita a fol 43 et sequitur u mmarkata bhala Dok CV2 jirrizulta li l-istabbiliment 'Neptunes Restaurant' huwa klassifikat bhala restaurant 'Third Class' u ghalhekk kif tajjeb qies il-Perit Legali, dan l-element jirrizulta sodisfacentement pruvat.

Illi t-tieni (2) element huwa n-nuqqas ta' licenza valida. Dwar dan jirrizulta skont ix-xhieda ta' Christine Vella rapprezentanta tal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu li l-licenza mhijiex imhallsa izda ghada hemm. Jirrizulta izda li l-licenza qieghda f'isem George Schembri u mhux f'isem Francis Schembri. Ghalhekk dan l-element jissusisti fil-konfront ta' Francis Schembri.

Illi ghalhekk jonqos li jigi stabbilit jekk jirrizultax ukoll it-tielet (3) element u cioe' li Francis Schembri mexxa xi attivita' turistika jew ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li taghha huwa s-sid jew koproprjetarju, jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attivita' li kieku kellu licenza valida.

Il-Perit Legali fir-rapport tieghu li l-Qorti ghamlet taghha meta sabet htija, qies numru ta' fatti li jirrizultaw mill-provi u cioe' li Francis Schembri kien dahal f'joint venture ma' Lorraine Spiteri Singh u 'Amandeep Singh'[6]. Dan jinsab a fol 90 u mmarkat bhala Dok JS 6. Francis Schembri f'dan il-ftehim huwa imnizzel bhala l-persuna li '*enjoys exclusive possession and control over the commercial premises consisting of a restaurant located at ground-floor level only and known as "Neptune's Restaurant and Lounge" in Marina Street, Marsalforn, Gozo*' In oltre' hemm imnizzel li '*All personal and real rights pertaining to the Restaurant and any movables, equipment, fittings, and/or items, and/or equipment, as shall be listed in the said inventory, are and shall remain property of the First Party...*' u cioe' ta' Francis Schembri.

Kif tajjeb qies il-Perit Legali '*Huwa minnu li ma ingabet l-ebda prova jekk Francis Schembri huwiex sid jew kompropjetarju tal-fond minn fejn kien qed jigi gestit ir-ristorant. Pero l-artikolu ma jirrikjedix bil-fors li l-imputat irid jkun is-sid jew ikun kompropjetarju. L-importanti ghal-legislatur huwa li l-imputat jkollu forma ta' kontroll fuq l-istess fond li tippermettilu li huwa jaghmel uzu mill-istess fond. Francis Schembri kellu dan il-kontroll, taht li dahal fi ftehim ma' Spiteri Singh u Spiteri rigward l-uzu tal-fond;*'

[6] Fil-joint venture agreement indikat bhala Amand Dee Singh.

Din il-Qorti taqbel ma dan. Il-Joint venture agreement huwa datat it- 23 ta' Jannar 2017 u kien validu ghal tlett (3) snin, b'dan li tnizzlu l-kundizzjonijiet abbazi ta' liema il-ftehim setgha jigi terminat qabel. Francis Schembri fix-xhieda tieghu ta' quddiem il-Perit Legali fid-9 ta' Mejju 2019 jispjega kif '*Jiena u Spiteri u Singh dhalna f'joint venture ma' xulxin biex noperaw il-hanut flimkien. Hija George kien jigi jghinna wkoll. F'daqqa wahda f'Ottubru 2017, Spiteri u Singh qabdu u biddlu c-cavetta tan-Neptunes. Jiena mort ghamilt rapport lill-Pulizija li sal-lum ma giex ipprocessat. Minn dakinhar 'l hawn jiena u George ma morniex 'l hemm aktar.*'

Fis-seduta tas- 17 ta' Mejju 2019 Francis Schembri xehed li '*Dan il-ftehim kien bejni u bejn Lorraine Spiteri u Amandeep Singh. Il-ftehim huwa ta' joint venture u kien jikkoncerna biss il-ground floor level. Huma ma kinux jiehdu flus u kellna naqsmu l-profitti nofs bin-nofs wara li jinqatghu l-ispejjez.*

*Dan il-ftehim ma giex rispettat.*'

Il-Perit Legali qies li '*Kien biss wara li sar ir-rapport minnu stess fis- 26)ta' April 2018 li tista' tghid li Francis Schembri ha azzjoni beix tali attivita titwaqqaf. F'dak il-punt pero ir-reat ġia kien gie ikkunsmat. Dan apparti l-fatt li dan ir-rapport jidher li aktar kien intiz biex Francis Schembri jipprova jwaqqaf l-operat tal-hanut minn Spiteri Singh u Spiteri wara li inqala' dizgwid bejn il-partijiet fuq il-ftehim ta' joint venture li kellhom bejniethom.*'

Ghalhekk il-Perit Legali hass li ghandha tinstab htija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' Francis Schembri. Il-Qorti ghamlet il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali taghha u sabet htija. Din il-Qorti tqis li jirrizulta li proceduri legali fil-konfront ta' Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh gew intavolati minn Francis Schembri ferm qabel is-(26 ta' April 2018.

Dak li qieghed jissottometti l-appellant fl-appell tieghu huwa li <u>fid-dati tal-imputazzjoni</u> huwa ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment u li dan l-istabbiliment kien qed jigi gestit biss mill-koppja Singh kontra r-rieda tieghu u ad eskluzjoni tieghu. Gialadarba l-istabbiliment kien qed jigi gestit kontra l-kunsens u rieda tieghu u huwa ma kien bl-ebda mod partecipi ghal gestjoni tal-attivita turistika, l-appellant jghid li ma kellux jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u dan peress li f'dawn id-dati huwa me kellu ebda kontrol fuq l-attivita turistika.

Jirrizulta li Francis Schembri kien intavola mandat ta' inibizzjoni skond dak li jirrizulta minn fol 56 et sequitur immarkat bhala FS1 kontra Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh u dan fit- 22 ta' Mejju 2018. Fejn il-Qorti intalbet sabiex jigu inibiti milli jifthu ghal pubbliku, joperaw, imexxu jew altrimenti jiggestixxu l-fond maghruf bhala 'Kohinoor Indian & Mediterranean' drabi ohra maghruf bhala 'Neptunes Restaurant & Lounge fi Triq il-Marina, Marsalforn Ghawdex b'tali mod biex il-fond jinzamm maghluq ghal pubbliku u dan stante li

dan il-fond qed jigi operat in ottemperanza mal-ligijiet u regolamenti relattivi ghas-settur in kwistjoni u li r-rikorrent qed jigu esposti ghal riskju car u manifest li jittiehdu proceduri amministrattivi u sahansitra penali/kriminali fil-konfront taghhom. F'din it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni saret ukoll referenza ghal xhieda moghtija minn Christine Vella in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority f'atti ta' rikors guramentat, li la l-*operators form* u anqas is-*substitute form* ma gew sottomessi lill-imsemmija Awtorita bil-konsegwenza li l-fond qed jigi prezentement operat bi ksur tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ligijiet sussidjarji relattivi.

Skond fol 59 tal-atti processwali, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fit- 22 ta' Mejju 2018 kienet laqghet it-talba provizorjament izda dan id-digriet tat- 22 ta' Mejju 2018 kien sussegwentement gie revokat contrario imperio.

Jirrizulta li Francis Schembri kien prezenta rikors guramentat kontra Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh fil-5 ta' Dicembru 2017 fejn fost numru ta' talbiet, talab li l-konvenuti jigu ordnati sabiex jivvakaw u jizgombraw mill-proprjeta u jirritornaw lura l-liberu pussess a favur tal-atturi. Dan jinsab a fol 71 et sequitur u mmarkat bhala FS2.

A fol 75 u mmarkata bhala FS 3 giet ipprezentata ittra ufficjali datata l-(21 ta' Awissu 2017 prezentata minn Francis Schembri fil-konfront ta' Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh fejn gew mitluba sabiex jaghtuh rendikont shih, dettaljat u bil-miktub tal-istat li fih jinsab in-negozju fuq imsemmi, inkluz minghajr pregudizzju ghal generalita tal-premess rendikont tad-dhul u l-hrug kollu, oltre rendikont ta' kwalunkwe pendenzi li hemm.

A fol 76 u mmarkata bhala FS4 giet ipprezentata ittra ufficjali ohra mibghuta minn Francis Schembri fil-konfront ta' Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh datata s-26 ta' Ottubru 2017 fejn fost talbiet ohra gew mitluba sabiex jghaddulu lura c-cwievet tal-fond u dan peress li kien ittermina l-iskrittura minhabba allegata ksur tal-iskrittura.

A fol 87 u mmarkat bhala Dok JG1 gie pprezentat current incident report dwar rapport intavolat minn Francis Schembri fil-konfront ta' Lorraine Spiteri Singh dwar kuntratt ta' partners 50%-50% tan-negozju fejn kien daqs hmistax ilu sab ic-cilindru tal-lock tal-bieb ta' barra mibdul fejn kisru l-kundizzjoni tal-kuntratt. Dan ir-rapport huwa datat is-16 ta' Novembru 2017.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghalkemm l-appellant Francis Schembri kien ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa u dan meta gie ffirmat il-joint venture u li mexxa dik l-attivita' ghal xi zmien, **il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li dan sehh fid-data tal-imputazzjoni u cioe' fis- 26 ta' April ,2018 u fil-granet ta' qabel**. F'kaz li l-imputazzjoni kienet tkompri ukoll

**<u>is-snin ta' qabel</u>**, allura l-Qorti setghet issib htija. Izda din il-Qorti tqis li ma giex pruvat li f'tali perjodu u cioe' fis- 26 ta' April 2018 u fil-granet ta' qabel huwa mexxa xi attivita turistika jew ippermetta li xi attivita turistika titmexxa min jew fil-properjeta' li tieghu kien sid jew koproprjetarju. Anzi jirrizulta li l-appellant kien sa mis- 26 ta' Ottubru 2017 permezz ta' ittra ufficjali li tinsab a fol 76 u mmarkata bhala FS4 indirizzata lil Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh fost talbiet ohra talabhom sabiex jghaddulu lura c-cwievet tal-fond u dan peress li kien ittermina l-iskrittura. Minkejja li l-fatt li a fol 63 hemm lista ta' impjegati li din il-Qorti qieghda tifhem li Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh ipprezentaw flimkien mar-risposta ghat-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jahdmu fir-restaurant 'KOHINOOR INDIAN RESTARUANT' fit- 22 ta' Mejju 2018 u li wiehed mill-impjegati u cioe' Francis Schembri huwa indikat bhala wiehed mill-'OWNER/RESTAURANT OPERATOR', tqis li din mhijiex prova li fil-perjodu mertu tal-imputazzjoni l-appellant Francis Spiteri kien mexxa jew ippermetta li xi attivita turistika titmexxa tant li kien gia intavola proceduri sabiex Lorraine Spiteri Singh u Aman Dee Singh jigu zgumbrati. Tant hu hekk li Francis Schembri kien irraporta lil Pulizija fis-16 ta' Novembru 2017 li hmistax qabel mar sal-post u ra c-cilindru tal-lock tal-bieb ta' barra mibdul. Ghalhekk Francis Schembri irnexxilu jipprova li fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni ma kellu l-ebda kontroll fuq it-tmexxija ta' din l-attivita' turistika u li fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni ma ppermettix li xi attivita turistika titmexxa.

<u>Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ta' din l-imputazzjoni</u>.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza tilqa' l-appell ta' Francis Schembri u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata ma sabitx htija tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet fil-konfront ta' Francis Schembri, thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront ta' Francis Schembri u ghalhekk tillibera lill-appellant Francis Schembri minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur